



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 17 ta' Diċembru 2012 (11.01)
(OR. en)**

**15555/12
ADD 1**

**PV/CONS 56
JAI 741
COMIX 601**

ADDENDUM għall-ABBOZZ TA' MINUTI

Suġġett: It-**3195** laq3għa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (**ĠUSTIZZJA U AFFARIJET
INTERNI**), li saret fil-Lussemburgu fil-25 u s-26 ta' Ottubru 2012

PUNTI TA' DELIBERAZZJONI PUBBLIKA¹

Pàġna

Lista ta' PUNTI "A" (dok. 15257/12 PTS A 85)

Punt 1.	Proposta emendata għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-asil (Tfassil mill-ġdid) [L-ewwel qari]	3
Punt 2.	Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [L-ewwel qari] (AL+D)	3

Lista ta' PUNTI FUQ L-AĠENDA (dok. 15083/12 OJ/CONS 55 JAI 707 COMIX 585)

Punt 3.	Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq Mekkaniżmu tal-Unjoni tal-Protezzjoni Ċivili [L-ewwel qari].....	7
Punt 4.	Sistema Ewropea Komuni tal-Asil [L-ewwel qari].....	8
Punt 5.	Affarijiet oħra.....	8
Punt 12.	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea [L-ewwel qari]	9
Punt 13.	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali [L-ewwel qari].....	9
Punt 14.	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (Regolament dwar il-Protezzjoni ta' Data Ġenerali) [L-ewwel qari].....	9
Punt 15.	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq (MAD) [L-Ewwel Qari]	10
Punt 16.	Affarijiet oħra.....	10

*
* * *

¹ Deliberazzjonijiet dwar l-atti legiſlattivi tal-Unjoni (l-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea), deliberazzjonijiet oħrajn miftuħin għall-pubbliku u dibattiti pubbliċi (l-Artikolu 8 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill).

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATIVI

(deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

PUNTI "A"

1. **Proposta emendata għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-asil (Tfassil mill-ġdid) [L-ewwel qari]**
 - Qbil politiku
14112/1/12 REV 1 ASILE 116 CODEC 2201
+ REV 1 COR 1 (fr)
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-03.10.2012

Il-Kunsill ikkonferma Qbil Politiku dwar it-tfassil mill-ġdid ta' proposta li temenda d-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet tal-Akkoljenza.

2. **Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [L-ewwel qari] (AL+D)**
 - PE-CONS 45/12 FIN 516 CODEC 1862 OC 399
approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-24.10.2012

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u adotta l-att propost, bid-delegazzjoni Olandiża tastjeni, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 322 TFUE, u l-Artikolu 106a TEAEC).

Dikjarazzjoni konġunta dwar kwistjonijiet relatati mal-QFP

"Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li r-Regolament Finanzjarju se jkun rivedut biex jinkludi l-emendi li saru neċessarji mill-eżitu tan-negozjati dwar il-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020, inklużi l-kwistjonijiet segwenti:

- ir-regoli fil-qasam tar-riport għar-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza u għall-proġetti finanzjati fl-ambitu tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa;
- ir-riport tal-appropriazzjonijiet mhux użati u tal-ekwilibriji baġitarji, kif ukoll il-proposta relatata biex jiddaħħlu tali appropriazzjonijiet friżerva għal pagamenti u impenji;
- l-inklużjoni possibbli tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fil-baġit tal-Unjoni Ewropea;
- it-trattament tal-fondi li jirriżultaw mill-ftehimiet dwar il-ġlieda kontra t-traffiku illegali ta' prodotti tat-tabakk."

Dikjarazzjoni konġunta dwar l-infiq marbut mal-binjiet b'riferiment għall-Artikolu 203

"Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu li:

1. il-proċedura ta' twissija bikrija prevista fl-Artikolu 195(4), u l-proċedura ta' approvazzjoni minn qabel prevista fl-Artikolu 203(5) ma japplikawx għall-akkwist ta' art b'titolu gratuwitu jew għal korrispettiv simboliku;
2. kull riferiment għal "bini" fl-Artikolu 203 japplika biss għal binjiet mhux residenzjali. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jitolbu kull tagħrif marbut ma' bini residenzjali;
3. f'ċirkostanzi politiċi eċċezzjonali jew urġenti, l-informazzjoni dwar il-proġetti ta' kostruzzjoni marbutin mad-delegazzjonijiet jew uffiċċji tal-UE f'pajjiżi terzi previsti fl-Artikolu 203(4) jistgħu jiġu sottomessi konġuntament mal-proġett ta' bini skont it-termini tal-Artikolu 203(5); F'tali każijiet il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jimpenjaw ruħhom li jittrattaw il-proġett ta' bini mal-ewwel opportunità possibbli;
4. il-proċedura ta' approvazzjoni minn qabel prevista fl-Artikolu 203(5) u (6) ma tapplikax għall-kuntratti jew studji preparatorji neċessarji għall-valutazzjoni dettaljata tal-kostijiet u tal-finanzjament tal-proġett ta' bini;
5. il-limiti massimi ta' EUR 750 000 jew EUR 3 000 000 li hemm riferiment għalihom fil-punti (ii) sa (iv) tal-Artikolu 203(7) jinkludu t-tlestija tal-binja; għall-kuntratti ta' kera, dawn il-limiti massimi japplikaw għal kera mingħajr ħlas imma jinkludu l-kostijiet marbutin mat-tlestija tal-binja;
6. in-nefqa msemmija skont l-Artikolu 203(3)(a) ma tinkludix l-ispejjeż;
7. sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-applikazzjoni tal-proċeduri previsti fl-Artikolu 203."

Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-Artikolu 203(3)

"Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li dispożizzjonijiet ekwivalenti jiġu inklużi fir-Regolament ta' Qafas Finanzjarju għall-korpi kkostitwiti skont it-TFUE u t-Trattat Euratom."

Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar l-Artikoli 34 u 40 b'riferiment għall-Qorti tal-Ġustizzja Kawża C-77/1

"Il-Kunsill ifakkar li t-test maqbul tar-Regolament Finanzjarju għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kwistjonijiet li tqajmu fil-kawża C-77/11 dwar l-adozzjoni u l-pubblikazzjoni tal-baġits; tali test maqbul għandu jiġi rivedut, jekk ikun neċessarju, biex jiġi allinjat mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dak il-każ."

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 59(5) u (6)

"Il-Kummissjoni tikkonferma li

- il-preżentazzjoni ta' tagħrif lill-Kummissjoni fuq bażi ta' kull sena kif dispost fl-Artikolu 59(5), tagħti dehra, inter alia, tal-kontijiet dwar l-infiq imġarrab matul il-perijodu ta' riferiment rilevanti kif definit fir-regoli speċifiċi għas-settur;
- din il-preżentazzjoni ta' tagħrif hija distinta mill-proċedura ta' eżami u aċċettazzjoni tal-kontijiet kif hemm dispost fl-Artikolu 59(6).

Ir-Regolament Finanzjarju la jippreġudika l-modalitajiet għall-eżami u l-aċċettazzjoni tal-kontijiet u lanqas il-modalitajiet għall-għeluq tal-infiq li għandu jkun definit fir-regoli speċifiċi għas-settur."

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-terminu għas-sottomissjoni tat-tagħrif rikjest mill-Istati Membri skont l-Artikolu 59(5)

"Il-preżentazzjoni tat-tagħrif annwu wara l-15 ta' Frar timplika l-posponiment korrespondenti tat-terminu għall-firma tar-rapporti ta' attività ta' kull sena tad-Direttorati-Ġenerali li jimplementaw il-fondi tal-Unjoni skont ġestjoni konġunta u għat-trażmissjoni tagħhom lill-Qorti tal-Awdituri fil-kuntest tar-rapport annwu. B'konsegwenza ta' dan, tqiegħed fil-periklu l-preżentazzjoni fil-ħin tas-sommarju tar-rapporti ta' kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-15 ta' Ġunju kif jingħad fl-Artikolu 66(9) u tal-osservazzjonijiet mill-Qorti tal-Awdituri, skont it-termini tal-Artikolu 162(1)."

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 59(5), l-aħħar subparagrafu

"Il-Kummissjoni tfakkar li kif kontemplat fl-Artikolu 59(1) tar-Regolament Finanzjarju, tosserva l-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni fit-twettiq tar-responsabilitajiet tagħha dwar l-implementazzjoni tal-baġit skont il-ġestjoni konġunta. Għaldaqstant, l-assenza ta' dikjarazzjoni volontarja minn Stat Membru ffirmata fil-livell nazzjonali jew reġjonali xieraq ma jkollha l-ebda konsegwenza fuq l-eżami u l-valutazzjoni magħmulin mill-Kummissjoni tal-inkartament kif jingħad fl-Artikolu 59(5)."

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 77(3) għall-Fondi Strutturali

"Kull meta Stat Membru jintebaħ b'irregolaritajiet u jikkoreġihom minn jeddu, ikun jista' juża mill-ġdid l-kontribuzzjoni mill-Fondi li tkun ġiet ikkanċellata fil-programm operazzjonali li jkun, ħlief għal kull operazzjoni li tkun soġġetta għall-korrezzjoni jew, fejn korrezzjoni finanzjarja tkun saret għal irregolarità sistemika, għal kull operazzjoni milquta mill-iżball sistemiku."

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji permezz tal-estrapolazzjoni mill-Kummissjoni b'riferiment għall-Artikolu 77(4)

"Kull meta jkun possibbli, il-korrezzjonijiet finanzjarji jkunu kkalkolati fuq il-bażi tal-ammonti li jintefqu indebitament.

Il-Kummissjoni tikkonferma li tirreverti għal korrezzjonijiet tar-rata estrapolata jew forfettarja biss meta ma jkunx possibbli bi sforz proporzjonat li jkunu kkwantifikati b'mod preċiż l-ammonti minfuq indebitament."

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tnaqqis jew l-irkupru tal-għotjiet fil-każ ta' żball jew irregolarità sistemiċi jew rikorrenti minn benefiċjarju ta' għotja – estrapolazzjoni b'riferiment għall-Artikolu 135(6)

"Il-Kummissjoni tikkonferma li, fil-każ ta' żbalji jew irregolaritajiet sistemiċi jew rikorrent min-naħa ta' benefiċjarju, il-kalkolu tal-ammonti li jridu jitnaqqsu jew jiġu rkuprati bħala estrapolazzjoni jkunu jidhru bħala soluzzjoni tal-aħħar.

Kull meta jkun possibbli, l-ammonti li għandhom jitnaqqsu jew jiġu rkuprati jkunu kkalkolati fuq il-bażi tar-rendikonti finanzjarji rieżaminati ppreżentati mill-benefiċjarju.

L-estrapolazzjoni tar-rata ta' riduzzjoni jew rkupru tintuża biss meta ma jkunx possibbli jew meta tkun tista' toħloq diffikultà amministrattiva sinifikattiva għall-benefiċjarju biex jikkwantifika b'mod preċiż l-ammonti ta' kostijiet ineliġibbli.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkonferma li, qabel ma tiġi deċiża kull tnaqqis jew rkupru, kull metodu jew rata alternattivi sostanzjati proposti mill-benefiċjarju jiġu debitament eżaminati mill-Kummissjoni."

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-eliġibbiltà tal-VAT mhux irkuprabbli b'riferiment għall-punt (c) tal-Artikolu 126(3)

"Il-Kummissjoni tikkonferma li, kif indikat fl-Artikolu 121(2)(e), id-dispożizzjonijiet tat-Titolu VI – inkluż l-Artikolu 126(3)(c) dwar l-eliġibbiltà tal-VAT mhux irkuprabbli - ma japplikawx għall-infiq implementat skont il-ġestjoni konġunta skont it-tifsira tal-Artikoli 58(1)(b) u 59."

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-komitoloġija għall-fondi fiduċjarji tal-Unjoni b'riferiment għall-Artikolu 187(8)

"Il-Kummissjoni tikkonferma li:

- il-ħolqien tal-fondi fiduċjarji tal-Unjoni jkun debitament ġustifikat f'termini tal-valur miżjud mill-intervent tal-Unjoni u mill-addizzjonalità;
- l-abbozzi ta' deċiżjonijiet għall-ħolqien, l-estensjoni u l-likwidazzjoni tal-fondi fiduċjarji tal-Unjoni se jkunu sottomessi għal proċedura ta' eżami skont id-dispożizzjonijiet tal-atti bażiċi rilevanti."

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-mutwi b'riferiment għall-Artikolu 203(8)

"Il-Kummissjoni tissottolinja li l-użu ta' mutwi għall-akkwist ta' binjiet ma huwiex kuntrarju għall-prinċipju ta' ekwilibriju skont it-termini tal-Artikolu 17 tar-Regolament Finanzjarju. Is-self ta' fondi huwa operazzjoni off-budget: l-ammont tas-self ma jkunx imniżżel fil-baġit bħala dħul u l-ammont sħiħ tal-prezz tal-binja ma jkunx imniżżel bħala nefqa. Huma inklużi bħala nefqa biss il-pagamenti ta' kull sena li jitħallsu lill-bank li jkunu kkumpensati mill-bilanċ amministrattiv ta' kull sena (dħul). Mill-perspettiva tal-kontabilità, is-self ma jiffinanzjax l-infiq tal-baġit, imma l-akkwist ta' beni. Il-mutwu (debitu) huwa kkumpensat mill-valur tal-immobbli (beni). Għaldaqstant, il-mutwi għall-akkwist ta' immobbli ma jgħolqux defiċit."

PUNTI FUQ L-AĠENDA

3. Proposta għal Deċizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq Mekkaniżmu tal-Unjoni tal-Protezzjoni Ċivili [L-ewwel qari]

- Sitwazzjoni attwali / dibattitu ta' orjentazzjoni
14445/12 PROCIV 151 COHAF 119 COCON 32 JAI 662 FIN 710
CODEC 2272 PESC 1180

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar proposta biex jiġi stabbilit Mekkaniżmu tal-Unjoni tal-Protezzjoni Ċivili abbażi ta' dokument tal-Presidenza (id-dok. [14445/12](#)). Il-proposta inizjali tressqet mill-Kummissjoni f'Diċembru 2011 (id-dok. [18919/11](#)).

Il-Kunsill qabel li għandu jingħata bidu għal proċess gradwali biex tiġi rrinfurzata l-politika ta' prevenzjoni billi jiġi żviluppata approċċ għall-ġestjoni tad-diżastri bbażata fuq ir-riskji fl-Istati Membri kollha, filwaqt li jitqiesu d-differenzi fil-politiki tagħhom ta' valutazzjoni tar-riskji u ta' ppjanar.

Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-livell ta' impenn meħtieġ mill-Istati Membri u l-inċentivi finanzjarji possibbli mill-baġit tal-UE għall-konsorzjament volontarju propost ta' assi ta' reazzjoni tal-Istati Membri.

Fl-aħħar, il-Kunsill qabel ukoll li jqis proċess li bih il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tidentifika lakuni sinifikanti fil-kapaċità ta' reazzjoni fil-konsorzjament volontarju u, jekk jiġi identifikati lakuni, ser jikkunsidra l-alternattivi kollha disponibbli li jinsabu fid-dokument tal-Presidenza msemmi hawn fuq biex jindirizza dawn il-lakuni bl-aktar mod effettiv.

4. Sistema Ewropea Komuni tal-Asil [L-ewwel qari]

- Sitwazzjoni attwali
14823/12 ASILE 126 CODEC 2356

Il-Kunsill ġie infurmat mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali tal-proposti legiſlattivi fil-qasam tal-asil u ta struzzjonijiet lill-korpi preparatorji tiegħu biex ikomplu l-ħidma fuq il-proposti pendenti fil-qasam tal-asil.

5. Affarijiet oħra

- Informazzjoni mill-Presidenza dwar il-proposti legiſlattivi attwali

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza rigward:

- il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kundizzjonijiet għall-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-qafas ta' trasferiment intra-azjendali;
- il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għad-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-iskop ta' impjeg staġonali;
- l-Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżi;
- Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil;
- Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżi;
- Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża.

12. Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea [L-ewwel qari]

- Sitwazzjoni attwali / dibattitu ta' orjentazzjoni
14826/12 DROIPEN 139 COPEN 223 CODEC 2357

Il-Kunsill ħa nota tas-sitwazzjoni attwali fin-negozjati dwar l-abbozz ta' Direttiva, kif deskritt fid-dok. 14826/12. Barra minn hekk sar dibattitu ta' orjentazzjoni marbut mal-kriterju adatt biex jiġi definit l-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjoni dwar is-setgħat estiżi ta' konfiska.

Il-Kunsill ikkonferma li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4 dwar is-setgħat estiżi ta' konfiska għandu jkun limitat għal reati serji sabiex jissodisfa r-rekwiżiti tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Il-ħidma fil-korpi preparatorji tal-Kunsill ser tkompli konformement mal-gwida mogħtija bil-ħsieb li jintlaħaq approċċ ġenerali dwar l-abbozz ta' Direttiva sal-aħħar tas-sena.

13. Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali [L-ewwel qari]

- Preżentazzjoni mill-Kummissjoni
12683/12 DROIPEN 107 JAI 535 GAF 15 FIN 547 CADREFIN 349
CODEC 1924

Għadd ta' delegazzjonijiet tkellmu u taw l-opinjoni tagħhom dwar diversi aspetti tal-proposta. Il-Presidenza kkonkludiet li għandha titmexxa 'l quddiem il-ħidma fil-korpi preparatorji tal-Kunsill.

14. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (Regolament dwar il-Protezzjoni ta' Data Ġenerali) [L-ewwel qari]

- Sitwazzjoni attwali

Il-Kunsill ħa nota tas-sitwazzjoni attwali tan-negozjati. Diversi delegazzjonijiet tkellmu u esprimew xi tħassib marbut b'mod partikolari mal-għażla tal-forma legali tal-istrument.

15. Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq (MAD) [L-ewwel qari]

- Sitwazzjoni attwali / dibattitu ta' orjentazzjoni
14598/12 DROIPEN 135 EF 219 ECOFIN 824 CODEC 2301

Il-Presidenza informat lid-delegazzjonijiet bis-sitwazzjoni attwali fid-diskussjonijiet fil-livell tekniku dwar l-abbozz ta' Direttiva. Sussegwentement, sar dibattitu ta' orjentazzjoni rigward il-kwistjoni tal-protezzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* fl-abbozz ta' strument. Il-Presidenza kkonkludiet li ser tirreferi l-eżitu tad-diskussjonijiet lill-Grupp ta' Ħidma dwar id-Dritt Kriminali Sostantiv bil-ħsieb li titkompla l-ħidma fuq l-abbozz ta' strument.

16. Affarijiet oħra

- Informazzjoni mill-Presidenza dwar il-proposti leġislattivi attwali

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza rigward:

- l-Inizjattiva tar-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Renju tal-Isvezja rigward l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew;
- il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dritt ta' aċċess għal avukat fi proċedimenti kriminali u d-dritt ta' komunikazzjoni mal-arrest;
- il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi għall-perjodu 2014 sa 2020 il-Programm dwar il-Ġustizzja;
- il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi għall-perjodu 2014-2020 il-Programm tad-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza;
- il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Qafas Multiannwali għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-2013-2017;
- il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (Riformulazzjoni) (Brussell I).

=====